MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2012

Numru. 843/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Giovanni Farrugia ta' 48 sena bin Edward u Theresa Barbara nee` Farrugia, imwieled Hamrun fid-19/01/1964, residenti 1, Binja Hamrija, Flats Indipendenza, Triq l-Ghenieq, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 121564M**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli nhar it-18 ta' Awissu 2012, ghall-habta tat-0300hrs:

1. Ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom pistola ta' l-ghamla Beretta, minn gewwa r-residenza 164, Flt1, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida, liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37, bil-Lok u bil-Hin ghad-detriment ta' Joseph Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra; *(Art. 261(b)(c)(e)(f), 263, 265, 267,269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b) Kap9).*

2. u aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema mmont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad-dannu ta' Joseph Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra: *(Art. 325(b)) Kap 9.*

Lil Giovanni Farrugia wahdu, akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, f'dawn il-Gzejjer:

3. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) (Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.) fis-07 ta' Novembru, 2001, u cioe` li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, dan taht garanzija personali, fost kundizzjonijiet ohra imposti fuqu.

Omissis

Omissis

Omissis

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat Giovanni Farrugia jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat Giovanni Farrugia l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel, l-oggetti misruqa gew irkuprati u kif ukoll il-fatt illi l-fedina penali tal-imputat mhix xi wahda allarmanti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 265, 267,269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b, 325(b) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum. Inoltre qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500) liema multa tista tithallas fi zmien hames (5) xhur mil-lum b'rati mensili ta' mitt euro (€100) kull wahda.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------